# INNU TA' FERĦ

# BIEX JITKANTA FIL-PROĊESSJONI

# TA' NHAR IL-LUNZJATA

Iftaħ qalbek għall-hena tas-sema,
ġens imjassar fil-għera tad-dnub;
îlek tibki w tiġġerra bla faraġ,
b'qalbek mejta, bi ħsiebek midrub:

ara t-Tfajla sabiħa ta' Jesse,
ara l-Anġlu, tal-Fidwa ħabbar;
isma' l-kelma ħanina minn Alla
xi ddoqq ħelu fis-satra tad-dar:

Is-sliem għalik, Marija,
int, xebba tax-xebbiet,
tkun omm, u fik titwettaq
il-Wegħda tas-smewwiet.

Kisser, kisser il-ktajjen tal-jasar;
ibda l-għanja tal-ferħ, tal-ħelsien:
le, mhix ħolma di' l-fawra ta' mħabba
li sa tbiddel ix-xejra taż-żmien.

Il-Ħabbar illi stenna t-tweġiba
qed jitbissem, hemm dija f'għajnejh;
ħarġet kelma mill-fomm ta' Marija,
li qatt bħalha ma semgħu widnejh:

Jekk bix-xejn tiegħi għoġbu
jitgħaxxaq il-Mulej,
titwettaq fija kelmtek,
ħa' jasal il-Feddej.

Dalwaqt tasal fid-dija tas-sema
fuq il-ħeffa tal-ġwienaħ l-aħbar;
dalwaqt tisma' fuq l-arpi tal-Ġenna
idoqq l-innu tal-Għaġeb li sar;

u bħal berqa tixtered mad-dinja
  it-tnedija tal-Għadu midrub,
  u lit-Tfajla sabiħa ta' Jesse
  toħroġ l-għajta ferrieħa mill-qlub:

Is-sliem għalik, Sultana,
  li dnub ma tafx xinhu;
  Int ftaħt il-bwieb tas-sema,
  Omm ħelwa ta' Ġesù.

6—1—36

Dun Karm